

Brussell, 13 ta' Lulju 2020
(OR. en)

9283/20

COSCE 7
COPS 239
CFSP/PESC 606

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	13 ta' Lulju 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	ST 9177/20
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa 2020-2022

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa 2020-2022, kif approvati mill-Kunsill (Affarijiet Barranin) fit-13 ta' Lulju 2020.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni
mal-Kunsill tal-Ewropa fl-2020-2022**

**Il-promozzjoni ta' kooperazzjoni pan-Ewropea bbażata fuq ir-regoli u l-valuri u l-appoġġ
għal Kunsill tal-Ewropa b'ħajja ġdida**

1. Fil-kuntest tal-isfidi mifruxa għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, hemm aspettattivi għoljin li l-Ewropa tibqa' fuq quddiem fil-promozzjoni ta' dawn il-valuri universali. Din hija r-raġuni għaliex l-UE biħsiebha ssaħħa il-kooperazzjoni tagħha mal-Kunsill tal-Ewropa, li jaqdi rwol kruċjali f'dawn l-oqsma abbażi tal-esperjenza tiegħu ta' aktar minn 70 sena. Il-mandati rispettivi tat-tmexxija l-ġdida fl-UE u l-Kunsill tal-Ewropa kif ukoll il-Presidenzi tal-Kumitat tal-Ministri li fil-perijodu li jmiss huma f'idejn Stati Membri tal-UE jikkoinċidu ma' enfasi mġedda fuq l-istat tad-dritt, kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha. Huma jiġu wkoll fi żmien meta l-istampa globali b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-demokrazija hija mħallta: maż-żmien, kien hemm progress kbir, madankollu, hemm ukoll respinġiment kontra l-universalità, l-indiviżibbiltà u l-interdipendenza tad-drittijiet tal-bniedem kollha u r-rigress fid-demokrazija. B'ħarsa 'l quddiem, matul il-ħames snin li ġejjin, ser jiġu enfasizzati kwistjonijiet ta' importanza għaċ-ċittadini tagħna bħad-diġitalizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali (IA).
2. L-UE ser tkompli taħdem mal-Kunsill tal-Ewropa u tappoġġah, bħala parti mill-isforzi tagħha biex tipromwovi multilateraliżmu effettiv u ssostni l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, mhux l-inqas fil-kuntest tal-impatt tal-COVID-19, inkluż l-impatt soċjoekonomiku tiegħu, fuq id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, li jeħtieġ reazzjonijiet ibbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem peress li dawn jagħtu riżultati aħjar biex tingħeleb il-pandemija, jiġu żgurati n-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, u tiġi ppreservata d-dinjità tal-bniedem.

3. L-UE tapprezza s-sħubija wiesgħa tal-Kunsill tal-Ewropa u tikkondividi l-vokazzjoni tiegħu li jiġi żgurat r-rikonoxximent universali u effettiv tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Il-Kunsill tal-Ewropa huwa wkoll pjattaforma importanti għad-djalogu u l-kooperazzjoni għall-promozzjoni tad-demokrazija u l-istat tad-dritt. Minħabba ksur serju tad-dritt internazzjonali mill-membri tal-Kunsill tal-Ewropa f'dawn l-aħħar snin, irridu nippreservaw u nestendu l-karattru pan-Ewropew tal-organizzazzjoni, niżguraw il-konformità tal-membri tal-Kunsill tal-Ewropa mal-obbligi internazzjonali tagħhom, niproteġu l-valuri, il-prinċipji u l-istandards tal-organizzazzjoni u niżguraw li tiffunzjona b'mod effettiv. L-UE hija impenjata lejn Kunsill tal-Ewropa li jista' jittratta kull ksur serju tad-dritt internazzjonali fost il-membri tiegħu, mhux l-inqas permezz tal-Proċedura Konġunta Komplimentari tiegħu li ġiet stabbilita reċentement, filwaqt li jiddefendi l-valuri tiegħu u jiżgura li l-membri kollha tal-Kunsill tal-Ewropa jissodisfaw l-obbligi statutorji tagħhom.

4. Il-Kunsill tal-Ewropa jaqdi rwol ta' stabbiliment tal-istandards fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-demokrazija. Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB) tirrappreżenta kisba storika mingħajr preċedent. Il-Konvenzjoni ġiet ratifikata minn kull wieħed mis-47 Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa u tistabbilixxi regoli u standards komuni dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt għal 830 miljun ruħ madwar il-kontinent, bl-implimentazzjoni ssorveljata mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB). Barra minn hekk, l-impatt tal-Kunsill tal-Ewropa jmur lil hinn minn dan il-kontinent, peress li ħafna mill-konvenzjonijiet tiegħu huma miftuħa għall-iffirmar globali u diversi mekkaniżmi tiegħu jestendu madwar id-dinja. Aktar minn qatt qabel, il-ġejjieni tal-UE ser jissawwar u jintrabat mal-ġirien tagħha. Huwa għalhekk li l-UE, b'kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa, ser tibqa' attiva mal-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali u fir-reġjuni ġirien tagħha.

5. Matul is-snin, il-kooperazzjoni strutturata bejn l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa¹, abbażi tar-rwoli differenti iżda komplementari tagħhom, saret aktar strateġika u żviluppata fi storja ta' suċċess. Id-djalogi regolari ta' livell għoli bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-KtE ser ikomplu. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar kontributor finanzjarju għall-Kunsill tal-Ewropa. L-UE ser tkompli tappoġġa l-ħidma tal-Kunsill tal-Ewropa billi tikkontribwixxi għall-baġit straordinarju tiegħu u tappoġġa kooperazzjoni fil-qasam legali, filwaqt li trawwem djalogu politiku, u tiffinanzja programmi konġunti, inkluż, iżda mhux biss, għall-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali kif ukoll fir-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant u l-pajjiżi sħab rilevanti tan-Nofsinhar taħt il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), kif ukoll fir-Russja u l-Asja Ċentrali. L-Uffiċċji tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Uffiċċji tal-Programmi tiegħu jaqdu rwol importanti għall-kooperazzjoni bejn l-UE u l-KtE f'dawn il-pajjiżi u r-reġjuni. L-UE u l-Bank Ewropew tal-Investment ser jesploraw ukoll modi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni formalizzata mal-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa (CEB). L-UE ser tikkoopera mal-Kunsill tal-Ewropa fil-qasam tal-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs).
6. L-effettività, ir-rilevanza, it-trasparenza u l-viżibbiltà huma ta' importanza kbira għall-Kunsill tal-Ewropa. L-UE ser tibqa' fuq quddiem fl-appoġġ għal Kunsill tal-Ewropa riformat u b'ħajja ġdida waqt li dan jadatta għal sfidi ġodda u għal ristrutturar, bil-għan li tiġi żgurata sostenibbiltà finanzjarja u attenzjoni kontinwa fuq l-effiċjenza. L-UE ser tippromwovi viżibbiltà u komunikazzjoni mtejba tal-miri u l-attivitajiet tal-Kunsill tal-Ewropa.
7. Fil-qafas tat-tliet pilastri, li madwarhom hija strutturata l-attività tal-Kunsill tal-Ewropa, l-UE ser tiffoka fuq l-attivitajiet konġunti li ġejjin fl-2020-2022:

¹ Abbażi ta' Memorandum ta' Qbil (2007) u Dikjarazzjoni ta' Intenzjoni għal Kooperazzjoni (2014).

I. DRITTIJET TAL-BNIEDEM

8. L-UE ser tkompli tappoġġa lill-Kunsill tal-Ewropa, il-QEDB u s-sistema tal-Konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa bħala l-qafas prinċipali għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ewropa, li min-naħa tagħhom jikkontribwixxu għal aktar koerenza bejn il-politiki interni u esterni tal-UE. **L-UE ser taġixxi fi sħubija mal-Kunsill tal-Ewropa fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-azzjonijiet esterni tagħha, kif iggwidata mill-Pjan ta' Azzjoni mġedded tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2020-2024) wara l-adozzjoni tiegħu.**
9. L-UE **għeddet l-impenn tagħha li taderixxi mal-KEDB**. Dan mhuwiex biss obbligu tat-trattat għall-UE; iżda kwistjoni ta' rispett għall-valuri fundamentali tagħna u l-ħolqien ta' qafas legali koerenti għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem madwar l-Ewropa. Il-KEDB kif interpretata mill-QEDB diġà taqdi rwol fundamentali fid-dritt tal-UE, kif ikkonfermat mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QĠUE). L-adeżjoni ser tippermetti lill-individwi jappellaw quddiem il-QEDB kontra azzjonijiet meħuda mill-istituzzjonijiet tal-UE u ser ittejjeb il-koerenza tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-Ewropej, anke fid-dawl tal-applikazzjonijiet kontra l-Istati Membri tal-UE li jimplimentaw id-dritt tal-UE. Ftehim ta' adeżjoni rivedut irid jikkonforma bis-sħiħ mad-dritt tal-UE kif interpretat mill-QĠUE. Is-70 anniversarju tal-KEDB, li għandu jiġi ċelebrat fil-Konferenza Ministerjali ta' Atena fl-4 ta' Novembru 2020, jipprovdi opportunità biex jiġu intensifikati l-isforzi lejn l-adeżjoni tal-UE mal-KEDB.

10. **L-UE ser tindirizza l-konsegwenzi ta' teknoloġiji diġitali ġodda u emerġenti għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.** L-Ewropa trid taħtaf l-opportunitajiet tal-era diġitali filwaqt li tippromwovi approċċ etiku u tipproteġi d-drittijiet tal-bniedem, tiżgura li l-infurzar tal-liġi jkun jista' jagħmel użu xieraq minn teknoloġiji ġodda f'konformità mal-obbligi skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, tagħti attenzjoni partikolari lil kwistjonijiet bħal-libertà ta' espressjoni, l-opinjoni u l-informazzjoni online, ir-regolamentazzjoni ta' intermedjarji online u l-politiki tagħhom għall-moderazzjoni tal-kontenut, ir-radikalizzazzjoni online, it-terroriżmu u d-diskors ta' mibegħda online, il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, il-privatezza u l-protezzjoni tad-data, l-IA u t-teknoloġiji ta' sorveljanza tal-massa kif ukoll il-ġbir u l-użu tad-data bijometrika, pereżempju permezz tal-użu tar-rikonoxximent tal-wiċċ f'postijiet pubbliċi. Fis-segwitu għall-White Paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-IA u fil-kuntest tal-ħidma dwar l-Att dwar is-Servizz Diġitali, l-UE ser taħdem mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropa biex tidentifika r-riskji u l-opportunitajiet li jirriżultaw mill-IA u t-teknoloġiji diġitali, inkluż l-impatt tagħhom fuq id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-demokrazija, u ser tivvaluta l-ħtieġa għal aktar miżuri biex jiġi żgurat li l-iżvilupp, it-tfassil u l-applikazzjoni tagħhom ikunu konformi mad-drittijiet tal-bniedem. L-UE u l-Kunsill tal-Ewropa ser ikomplu wkoll il-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tal-edukazzjoni għaċ-ċittadinanza diġitali.
11. **L-UE ser tikkoopera mal-Kunsill tal-Ewropa fil-promozzjoni madwar id-dinja ta' standards b'saħħithom ta' protezzjoni tad-data.** Ser tagħmel dan abbażi tal-Konvenzjoni modernizzata għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar ta' Data Personali (il-"Konvenzjoni 108"). B'mod partikolari, l-UE ser tikkoopera mal-Kunsill tal-Ewropa fil-promozzjoni ta' prinċipji u standards globali dwar is-salvagwardji għall-aċċess għad-data personali mill-awtoritajiet pubbliċi għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà.

12. L-UE ser tikkoopera mal-Kunsill tal-Ewropa fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa kif ukoll it-tisħiħ tal-pożizzjoni u l-parteċipazzjoni tagħhom kemm fi ħdan l-UE kif ukoll fir-relazzjonijiet esterni tagħha. L-UE ser tikkoopera wkoll mal-Kunsill tal-Ewropa, li huwa wieħed mill-atturi ewlenin fl-istabbiliment ta' standards f'dawn l-oqsma, inkluż fil-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika; il-"Konvenzjoni ta' Istanbul" tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ġiet ratifikata u qed tiġi implimentata minn 21 Stat Membru tal-UE.
13. L-UE ser tikkoopera mal-Kunsill tal-Ewropa fil-qasam tal-promozzjoni tal-**libertà ta' espressjoni, l-informazzjoni u l-opinjoni online u offline, kif ukoll l-aċċess għal informazzjoni affidabbli u għal media ħielsa u indipendenti, il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-protezzjoni tal-libertà tal-media u s-sikurezza tal-ġurnalisti**. F'dan ir-rigward, il-pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-promozzjoni tal-protezzjoni tal-ġurnaliżmu u s-sikurezza tal-ġurnalisti toffri post importanti biex tiġi promossa d-diskussjoni dwar l-isfidi attwali f'dan il-qasam u biex jiġu indikati każijiet speċifiċi ta' leġiżlazzjoni restrittiva u attacchi kontra l-ġurnalisti.
14. Is-soċjetà ċivili għandha rwol importanti fl-avvanz tal-valuri ewlenin tal-Kunsill tal-Ewropa. L-UE ser tikkoopera mal-Kunsill tal-Ewropa biex issaħħa u tiddefendi l-protezzjoni u l-promozzjoni tal-ispazju tas-soċjetà ċivili fl-Ewropa, speċjalment bil-għan li **jinħoloq ambjent abilitanti għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem**, u biex jiġu indirizzati l-isfidi kif deskritt fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Demokrazija b'rabta mat-tnaqqis tal-ispazju demokratiku għas-soċjetà ċivili². L-UE ser issegwi mill-qrib id-diskussjonijiet dwar l-istabbiliment ta' pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.
15. Fir-rigward ta' kwistjonijiet **ambjentali**, il-Kunsill tal-Ewropa qed jgħin biex jissawwar qafas legali adattat tajjeb fl-Ewropa. Fl-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew tagħha, il-Kummissjoni Ewropea ser issegwi d-diskussjonijiet fil-Kunsill tal-Ewropa dwar ir-rabta bejn id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent, inkluż l-azzjoni kontra r-reati ambjentali. L-UE tappoġġa l-isforzi f'waqthom tal-Kunsill tal-Ewropa biex jindirizza dan is-suġġett b'mod xieraq.

² <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-12836-2019-INIT/mt/pdf>, adottati fl-14 ta' Ottubru 2019.

16. Fil-kuntest tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali, il-**Karta Soċjali Ewropea** u l-Karta Soċjali Ewropea Riveduta tal-Kunsill tal-Ewropa jikkostitwixxu referenzi importanti għall-implimentazzjoni tal-**Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali** tal-UE. Il-Kummissjoni Ewropea ser theggi Pjan ta' Azzjoni biex timplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u tkompli tintroduċih fil-Balkani tal-Punent fil-kuntest tal-Programmi ta' Riforma Ekonomika. Peress li l-Karta Soċjali Ewropea tqiegħed enfasi speċifika fuq il-protezzjoni tal-anzjani, it-tfal, il-persuni b'diżabbiltà u l-ħaddiema migranti fost oħrajn, l-UE ser taħdem flimkien mal-Kunsill tal-Ewropa għall-garanzija tad-drittijiet soċjali u ekonomiċi fundamentali f'konformità ma' dawn l-obbligi internazzjonali speċjalment fil-każ ta' kriżijiet globali bħall-pandemija tal-COVID-19.
17. Il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali jibqgħu fil-qalba tal-**politiki tal-UE dwar l-asil u l-migrazzjoni**. L-UE hija impenjata biex issaħħaħ il-kapaċità tal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jimplimentaw dan l-approċċ. L-UE għandha l-għan li timplimenta sistema tal-migrazzjoni u l-asil li tkun umana, aktar reżiljenti u effettiva u hija impenjata lejn il-mandat tal-Kunsill tal-Ewropa li tiġbor informazzjoni u toffri pariri u assistenza lill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa abbażi tal-istandards rilevanti tagħha dwar il-protezzjoni tat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti, tal-persuni li jfittxu l-asil u tar-refuġjati fl-Ewropa, b'attenzjoni partikolari għal gruppi vulnerabbli bħall-minorenni mhux akkumpanjati, in-nisa f'riskju, it-tfal, il-persuni b'diżabbiltà jew il-persuni li qed jiffaċċjaw diskriminazzjoni jew vjolenza. Il-ħidma tal-Kunsill tal-Ewropa wasslet għal progress fil-qasam tal-migrazzjoni, b'mod partikolari biex jittaffa t-traffikar ta' bnedmin.
18. F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati f'Diċembru 2019 dwar **miżuri alternattivi għad-detenzjoni**, l-użu ta' sanzjonijiet u miżuri detenzjoni fil-qasam tal-ġustizzja kriminali, l-UE ser taħdem mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropa biex jinstabu sinerġiji fl-approċċi rispettivi tagħhom.

19. L-UE ser tikkoopera mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropa dwar it-tishiĥ tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'oqsma li jeħtieġu attenzjoni akbar, bħall-antidiskriminazzjoni (b'mod partikolari bis-sensibilizzazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) tal-Kunsill tal-Ewropa u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħha) inkluż il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni b'rabta mal-LGBTI+ u l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru kif ukoll mal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin u l-protezzjoni tat-tfal kontra l-isfruttament sesswali u l-abbuż sesswali (bil-ħsieb li **L-UE taderixxi mal-"Konvenzjoni ta' Lanzarote"**). L-attivitajiet konġunti biex jiġu miġġielda t-tixrid ta' Diskors ta' Mibegħda u Reati ta' Mibegħda fl-Ewropa ħaqqhom attenzjoni partikolari. L-UE tibqa' impenjata lejn il-ħidma tal-Kunsill tal-Ewropa biex jissaħħaħ ir-rispett għad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi (b'mod partikolari l-integrazzjoni soċjoekonomika tagħhom, inkluż tal-komunitajiet tar-Rom), inkluż il-minoranzi nazzjonali f'konformità man-normi u l-istandards applikabbli tal-Kunsill tal-Ewropa u r-rakkomandazzjonijiet applikabbli tal-Kummissjoni ta' Venezja. Bħala parti mill-kunsens bejn l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa rigward it-tneħħija tal-piena tal-mewt, l-impenn konġunt lejn it-tneħħija tal-piena kapitali f'postijiet oħra jinżamm. L-UE ser tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa fil-ġlieda kontra t-traffikar ta' bnedmin u l-protezzjoni tad-dinjità tal-ħajja tal-bniedem. L-azzjoni kontra t-traffikar ta' bnedmin, speċjalment tan-nisa u l-bniet, teħtieġ sforzi konġunti minn firxa wiesgħa ta' atturi rilevanti u approċċ koordinat u koerenti fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha, bħas-sigurtà, il-migrazzjoni, il-ġustizzja, l-ugwaljanza, l-impjiegi u l-iżvilupp fir-relazzjonijiet interni u esterni tal-UE.
20. L-UE ser tkompli tappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tagħha għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Kunsill tal-Ewropa, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom.

II. DEMOKRAZIJA

21. L-UE tagħmel l-almu tagħha biex **trawwem, tiproteġi u ssaħħaħ id-demokrazija tagħna.**
22. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Demokrazija jenfasizzaw li fid-dinja tal-lum, id-demokrazija qed tiġi sfidata u kkontestata. Waqt li d-demokrazija għadha robusta f'bosta pajjiżi, f'pajjiżi oħra hemm xejra li qed tikber lejn it-tmexxija awtoritarja. L-**isfidi għad-demokrazija** huma multipli u jeħtieġ li jiġu miġġielda b'mod komprensiv, inkluż bl-appoġġ u bil-promozzjoni ta' soċjetà ċivili ħielsa u indipendenti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u media indipendenti, trasparenza akbar tal-proċessi demokratiċi, litteriżmu diġitali, inklużività u edukazzjoni ċivika bħala kontribut meħtieġ fuq perijodu ta' żmien medju u fit-tul għar-reżiljenza tad-demokraziji, u għall-għieda kontra l-interferenza manipulattiva, inkluż kampanji ta' diżinformazzjoni.
23. L-UE tilqa' l-ħidma importanti tal-Kunsill tal-Ewropa permezz tal-Qafas ta' Referenza tiegħu tal-Kompetenzi għal Kultura Demokratika, li jgħin lis-sistemi **edukattivi**, kemm f'kuntesti formali kif ukoll f'kuntesti informali, jgħammru liż-żgħażaġh bil-kompetenzi meħtieġa għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, li jikkomplementa l-ħidma ta' appoġġ għad-demokrazija tal-UE. L-UE ser tibqa' involuta mal-Kunsill tal-Ewropa fil-promozzjoni ta' għodod u inizjattivi oħra li jrawmu l-edukazzjoni għaċ-ċittadinanza demokratika u l-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, fost l-oħrajn fil-kuntest tal-ftehim parzjali tal-Kunsill tal-Ewropa li għandu l-għan li jistabbilixxi l-Osservatorju dwar it-tagħlim tal-istorja fl-Ewropa. Ir-rwol tal-lingwi, is-sensibilizzazzjoni dwar il-lingwi u l-kompetenzi multilingwi huma ċentrali biex jinftiehm u aħjar il-kulturi, u għalhekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' ċittadinanza demokratika madwar l-Ewropa li hija lingwistikament u kulturalment diversa. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-UE (2019) dwar approċċ komprensiv lejn it-tagħlim u l-apprendiment tal-lingwi tipprovdi qafas biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa, u ċ-Ċentru Ewropew tiegħu għal-Lingwi Moderni, fil-qasam tal-edukazzjoni lingwistika ta' kwalità.

24. L-UE tibbenefika ħafna mill-**għarfien espert tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar id-demokrazija permezz tad-dritt**, b'mod partikolari fl-azzjoni esterna tagħha, fejn l-UE tiddependi fuq l-għarfien espert tal-Kummissjoni ta' Venezja biex tgħin ittejjeb l-istandards kostituzzjonali u l-liġi elettorali. Il-Kummissjoni ta' Venezja tassisti wkoll fi proċessi ġudizzjarji, proċessi ta' governanza u proċessi oħra ta' riforma, b'mod partikolari fil-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali u fil-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV). L-UE tfittex kooperazzjoni msaħħa mal-Kummissjoni ta' Venezja u s-Segretarjat tagħha, pereżempju fit-trawwim ta' riformi elettorali abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE f'reġjuni bħall-Amerka Latina u l-Afrika ta' Fuq.
25. L-UE ser **tippromwovi skambji regolari mas-Segretarjat tal-Kummissjoni ta' Venezja** dwar l-istandards tal-liġi elettorali u tesplora b'mod konġunt kif l-opinjoniġiet legali tal-Kummissjoni ta' Venezja u r-rakkomandazzjonijiet tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE jistgħu jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku.
26. Il-media soċjali u t-teknoloġiji elettorali joħlqu **opportunitajiet kif ukoll sfidi ġodda** għall-proċessi elettorali u għad-demokrazija. L-UE ser tippromwovi r-rispett għall-istandards u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa li jikkonċernaw il-proċessi elettorali u d-demokrazija. L-UE ser tinkoraġġixxi skambji regolari mal-Kunsill tal-Ewropa biex tissaħħa il-kooperazzjoni dwar l-iżvilupp u l-promozzjoni ta' standards li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet, inkluż il-protezzjoni tal-integrità tal-proċessi elettorali.
27. L-UE ser issaħħa id-djalogu u l-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-għażliet għat-tishi tar-rwol u l-**parteċipazzjoni sinifikattiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili** u tal-istituzzjonijiet nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem fl-Organizzazzjoni, f'konformità mad-deċiżjoni meħuda fil-129 sessjoni tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa (Helsinki, 14-15 ta' Mejju 2019).
28. L-UE ser issaħħa id-djalogu u l-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa fir-rigward taż-**żieda fil-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza tan-nisa u ż-żgħażagħ**, u tal-interessi tagħhom, fil-ħajja pubblika u politika.

29. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-UE tal-2019 dwar id-**dimensjoni kulturali** tal-iżvilupp sostenibbli³ ser tintuża bħala qafas ewlieni għall-approfondiment tal-kollaborazzjoni relatata mal-kultura u l-wirt kulturali. Il-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Valur tal-Wirt Kulturali għas-Soċjetà (il-Konvenzjoni ta' Faro), il-Jiem Ewropej tal-Wirt u l-Ftehim Parzjali Estiż tal-Kunsill tal-Ewropa dwar ir-Rotot Kulturali huma eżempji ta' mezzi għall-kollaborazzjoni bejn l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa. L-UE ser tkompli tippromwovi l-Konvenzjoni 221 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar ir-Reati marbutin mal-Proprietà Kulturali (il-Konvenzjoni ta' Nikosija) u l-adeżjoni magħha mill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa.

III. STAT TAD-DRITT

30. L-UE tenniet mill-ġdid l-impenn tagħha li tirrispetta l-istat tad-dritt. L-istat tad-dritt huwa prerekwiżit għad-demokrazija u r-rispett u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem. Fil-kuntest tal-UE, huwa kruċjali li tiġi żgurata l-prosperità għaċ-ċittadini Ewropej, permezz tal-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku. It-theddid għall-istat tad-dritt jippreżenta sfida għad-drittijiet tal-bniedem u għall-bażi ġuridika, politika u ekonomika ta' kif taħdem l-Unjoni Ewropea. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar "It-tisħiħ tal-istat tad-dritt fl-Unjoni – pjan ta' azzjoni",⁴ il-Kummissjoni stabbiliet approċċ ibbażat fuq tliet pilastri: il-promozzjoni ta' kultura tal-istat tad-dritt, il-prevenzjoni ta' problemi marbuta mal-istat tad-dritt milli jfeġġu, u li jiġi żgurat rispons effettiv meta dawn iseħħu. Sabiex issaħħaħ l-aspetti preventivi, il-Kummissjoni ħabbret l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu Ewropew komprensiv tal-Istat tad-Dritt b'kamp ta' applikazzjoni mifruq mal-UE kollha u rappurtar annwali oġġettiv mill-Kummissjoni Ewropea. L-approċċ ta' monitoraġġ ser ikun l-istess f'kull Stat Membru tal-UE. Il-monitoraġġ li jitwettaq skont il-Mekkaniżmu Ewropew tal-Istat tad-Dritt ser iqis l-istrumenti eżistenti u l-għarfien espert tal-Kunsill tal-Ewropa f'dan il-qasam.

³ [ST 13336/19.](#)

⁴ COM(2019) 343 final.

31. **F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tfittex kooperazzjoni msaħħa mal-Kunsill tal-Ewropa, inkluż il-Kummissjoni ta' Venezja, il-GRECO u l-Kummissjoni Ewropea għall-Evalwazzjoni tal-Effikaċja tal-Ġustizzja tal-Kunsill tal-Ewropa (CEPEJ).** Il-Kunsill tal-Ewropa, wara stedina mill-Kummissjoni, ħatar persuna ta' kuntatt għan-network ta' punti ta' kuntatt dwar l-istat tad-dritt u l-Kummissjoni ser tikkoopera mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropa biex tiżgura li l-ħidma fuq l-istat tad-dritt ikollha funzjoni ta' tisħiħ reċiproku u tevita xogħol doppju li ma jkunx meħtieġ. Biex tħejji r-rapport annwali, il-Kummissjoni Ewropea ser tkun involuta wkoll fi djalogu mal-partijiet ikkonċernati rilevanti bħall-Kunsill Konsultattiv ta' Mħallfin Ewropej u l-Kunsill Konsultattiv ta' Prosekuturi Ewropej. Il-lista ta' kontroll tal-istat tad-dritt tal-Kummissjoni ta' Venezja tista' tgħin biex jiġu identifikati riskji u nuqqasijiet speċifiċi.
32. Il-parteciġazzjoni tal-UE fil-**GRECO** bħala osservatur tiffaċilita l-ħidma konġunta mal-Kunsill tal-Ewropa dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-implimentazzjoni ta' standards maħsubin biex isaħħu l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, bħall-protezzjoni tal-informaturi. L-UE ser tkompli l-kooperazzjoni mill-qrib mal-GRECO dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-implimentazzjonijiet ta' standards biex issaħħa il-ġlieda kontra l-korruzzjoni.
33. Il-ħidma mwettqa mill-Kunsill tal-Ewropa diġà għenet biex jittejjeb ir-rispons tal-**ġustizzja kriminali** fl-UE għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti u għar-riintegrazzjoni u r-riabilitazzjoni ta' awturi ta' reati terroristiċi.
34. Fil-qasam tal-**ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità**, l-UE ser tkompli l-kooperazzjoni fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità u l-protokoll addizzjonali tagħha. Ser tiżgura wkoll konsistenza bejn it-tieni protokoll addizzjonali li qed jiġi nnegożjat u l-ħidma tal-UE biex jitjieb tal-aċċess transkonfinali għal evidenza elettronika, kif ukoll tippromwovi l-Konvenzjoni ta' Budapest bħala qafas għall-kooperazzjoni internazzjonali u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet.

35. L-impenn tal-UE biex jitrawwem l-istat tad-dritt jestendi għall-**pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali u għall-viċinat tal-UE**, fejn l-UE ser tkompli l-kooperazzjoni tagħha mal-Kunsill tal-Ewropa biex tappoġġa lill-pajjiżi fit-twettiq ta' riformi u taħriġ essenzjali, fir-rigward tal-ġustizzja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u r-rwol tal-media ħielsa u indipendenti u tas-soċjetà ċivili, u – fir-rigward tal-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali – biex timmonitorja l-progress miksub f'dawk l-oqsma, f'konformità, fejn applikabbli/rilevanti, mal-metodoloġija msaħħa tal-proċess ta' adeżjoni.
